**Minuti tat-tnejn u sittin laqgha tal-Kumitat Amministrattiv St Peter**

Il-62 laqgha tal-Kumitat Amministrattiv St Peter saret nhar it-Tlieta, 16 ta' Diċembru, 2014.

Il-laqgha bdiet fis-6.10 ta' filghaxija b'talba.

Item 1 – Attendenza u Apoloġiji

Preżenti kienu ċ-*Chairperson* is-Sur Mario Bartolo, il-Viċi-*Chairperson* is-Sur Luciano Farrugia, is-Sur Norman Clews u s-Sur Joseph Agius.

Is-Sur Nicholas Azzopardi kien skużat.

Item 2 – Approvazzjoni tal-Minuti

Il-minuti tas-61 laqgha ġew unanimament approvati fuq proposta taċ-*Chairperson* li ġiet issekondata mis-Sur Clews.

Item 3 – Mistoqsijiet u Affarijiet mill-Minuti

Is-Sur Farrugia tkellem dwar Triq Gdida fi Triq il-Farfett tal-Fejġel u qal illi parti minn din it-triq qieghda tispiċċa *single lane* u ta' periklu ghas-sewwieqa. Is-Sur Farrugia talab li jerġa jitpoġġa l-hajt li tnehha mill-kuntrattur waqt li kien qieghed isir ix-xoghol ta' tarmak.

Dwar il-qasab li hemm hiereġ minn ghalqa fi Triq iż-Żarżarell, is-Sur Bartolo qal li dan jehtieġ jinqala' kollu biex ma jibqax jinholoq inkonvenjent u periklu ghas-sewwieqa.

Item 4 – Korrispondenza

Ma kienx hemm korrispondenza.

Item 5 – Xoghol tal-Kumitat

Ic-*Chairperson* informa lill-Kumitat illi l-fuljett li kien thejja issa kien tlesta u fi ftit tal-jum ser jitqassam lir-residenti ta' St Peter. Ic-*Chairperson* semma s-sistema tat-traffiku fi Triq Dun Salv Sciberras u ppropona li fil-ġimghat li ġejjin l-Kumitat jikkunsulta mar-residenti biex id-dhul ghal din it-triq isir biss minn Triq l-Ghakrux. Fl-istess hin ghandha ssir konsultazzjoni dwar it-tibdil propost fi Triq is-Sebellika u Triq iż-Zaghrun.

Is-Sur Farrugia semma l-htieġa li ssir bozza ġdida fi Triq iż-Żaghrun fuq in-naha ta' San Leonardu. Huwa talab ukoll li tiġi rranġata hofra li hemm hdejn ir-*roundabout* tax-Xghajra kif ukoll li jsir xoghol ta' *patching* fi Triq il-Werzieq.

Is-Sur Agius informa lill-Kumitat illi l-Perit William Lewis kien ġie fuq is-sit biex tinghata stima biex isiru x-xoghlijiet li qabel fuqhom il-Kumitat fil-laqghat preċedenti. Is-Sur Agius ppropona li parti minn Triq iz-Zarzarell ssir *one way* u d-dhul ma jibqax isir minn Triq San Leonardu. Ic-*Chairperson* ssekonda lis-Sur Agius u l-Kunsill qabel unanimament li jsir dan it-tibdil b'konsultazzjoni mar-residenti.

Is-Sur Farrugia qal illi fi Triq Alessio Erardi ghadu jsir parking bl-addoċċ u s-sewwieqa, inkluż dawk li ġejjin fid-direzzjoni tal-area ta' St Peter, kienu qeghdin isibu ruhhom f'periklu kontinwu. Is-Sur Farrugia filwaqt li talab lill-Kunsill jindirizza din il-problema issuġerixxa li ssir xi forma ta' *central strip* fil-*junction* ta' Triq Alessio Erardi ma' Triq ix-Xghajra.

Is-Sur Clews tkellem dwar il-htieġa li l-hajt ta' Triq San Leonardu jiġi rranġat f'qasir zmien. Is-Sur Agius qal li l-Perit tal-Kunsill kien qieghed ihejji stima ta' kemm ser jiġi jiswa lill-Kumitat ix-xoghol li jehtieġ isir.

Is-Sur Bartolo semma l-possibilita' li s-sena d-diehla titella kompetizzjoni ghall-isbah presepju.

Il-laqgha spiċċat fis-6.50 ta' filghaxija.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fit-63 laqgha tal-Kumitat li saret nhar il-Hamis, 15 ta' Jannar, 2015.

Mario Bartolo
*Chairperson*